MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-17 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 1129/2009

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
vs
Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Bank of Valletta p.l.c li gie konfermat bil-gurament mill-P.L. Francesca Scerri, li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat fis-26 ta' April 2000 in atti Nutar Dottor Carmelo Lia (Dok A) u permezz ta' skrittura privata datata fis-27 ta' Gunju 2001 (Dok B) is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri;
2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf, sitt mija u hdax-il Ewro u tletin centezmu (€24,611.30) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan*

*Accounts*" ta' Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri mill-Bank of Valletta p.l.c. (Dok C1 sa C67, u D1 sa D3) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Ottubru 2009 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskrittura privata fuq imsemmija (u esebita mar-rikors bhala Dokument A u B) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri;

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata fit-3 ta' Ottubru 2008 li kopja taghha giet esebita mar-rikors u immarkata Dok E, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrent talab lill-Qorti biex wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskrittura fuq imsemmija (u esebita mar-rikors bhala Dokument A u B) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura

sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

2. Tikkundanna lil Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' erbgha u ghoxrin elf, sitt mija u hdax-il Ewro u tletin centezmu (€24,611.30) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok C1 sa C67, u D1 sa D3) flimkien mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Ottubru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fit-3 ta' Ottubru 2008 kontra l-intimati li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat in-nota tas-socjeta` rikorrenti:

"Li biha tirriduci l-pretensjoni taghha ghas-somma ta' erbgha u ghoxrin elf, hames mija u tmienja w ghoxrin Ewro u sittax-il centezmu (€24,528.16) flimkien mal-imghax legali mit-8 ta' Frar 2010 sal-jum tal-effettiv pagament stante depositi li sar fil-mori ta' din il-kawza."

Xehed Nazzareno Camilleri u qal li ezamina n-nota ta' riduzzjoni u r-rikors guramentat u ghan-nom tieghu kif ukoll ta' martu ikkonferma li l-ammont huwa dovut u ammetta t-talba.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tilqaghhom qed tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskrittura fuq imsemmija (u esebita mar-rikors bhala Dokument A u B) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkundanna lil Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' €24,528.16 bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Nazzareno u Rita mizzewgin Camilleri mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Ottubru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fit-3 ta' Ottubru 2008 kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------